32004R2067

3.12.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 358/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2067/2004

tat-22 ta' Novembru 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 527/2003 li jawtorizza l-offerta u l-konsenja għal konsum dirett uman ta' ċerti nbejjed importati mill-Arġentina li setgħu kienu għaddew minn proċess oenoloġiku li ma hemmx provvediment dwaru fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 45(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

---

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) 1795/2003 (ĠU L 262, 14.10.2003, p. 13).

Billi:

(1) Bħala eċċezzjoni għall-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, ir-Regolament (KE) 527/2003[1] jawtorizza importazzjonijiet fil-Komunità ta' inbid prodott fl-Arġentina li għadda minn proċessi oenoloġiċi li ma hemmx provvediment dwarhom fir-regoli Komunitarji. Dik l-awtorizzazzjoni mistennija tiskadi fit-30 Settembru 2004.

(2) Bħalissa għaddejin negozjati bejn il-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Arġentina, dwar ftehim rigward il-kummerċ fl-inbid. Dawn jinvolvu partikolarment il-proċessi oenoloġiċi rispettivi taż-żewġ partijiet u l-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

(3) Bil-għan li jkun assigurat il-progress kontinwu bla xkiel ta' dawn in-negozjati, id-deroga li tippermetti ż-żieda ta' l-aċidu maliku ma' nbejjed prodotti fit-territorju ta' l-Arġentina u importati fil-Komunità għandha tkun estiża sad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li jirriżulta min-negozjati msemmija hawn fuq, iżda sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2005.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 527/2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 527/2003, id-data "30 ta' Settembru 2004" għandha tiġi ssostitwita b'dik ta' "30 ta' Settembru 2005".

[1] ĠU L 78, 25.3.2003, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1776/2003 (ĠU L 260, 11.10.2003, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Novembru 2004.

Għall-Kunsill
Il-President
C. VEERMAN